II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 473/2014

tas-17 ta' Jannar 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex l-Anness III tiegħu jiġi ssupplimentat b'mapep indikattivi ġodda

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni 661/2010/UE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 49(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jiddisponi għall-possibilità li jiżdiedu mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport estiż għal pajjiżi ġirien speċifiċi abbażi ta' ftehimiet ta' livell għoli fuq l-infrastruttura tan-netwerks tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati.

(2) Ftehim ta' livell għoli bejn l-Unjoni, ir-Russja u l-Bjelorussja ġie milħuq fil-qafas tas-Sħubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana dwar it-Trasport u l-Loġistika (NDPTL) fil-21 ta' Novembru 2012. Ftehim ta' livell għoli bejn l-Unjoni u l-Bjelorussja, l-Ukraina, il-Moldova, il-Ġeorġja, l-Armenja u l-Azerbajġan ġie milħuq fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant fid-9 ta' Ottubru 2013.

(3) Iż-żieda ta' mapep indikattivi ta' networks tat-trasport, konnessi man-networks definiti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, kieku tippermetti li l-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi in kwestjoni tiġi mmirata aħjar.

(4) Il-ftehimiet ta' livell għoli mal-pajjiżi ġirien jikkonċernaw il-linji tan-netwerks ferrovjarji u tat-toroq, kif ukoll il-portijiet, l-ajruporti u terminals ferrovjarji u tat-toroq. L-istatus tal-ferroviji u tat-toroq f'termini ta' tlestija tal-infrastruttura ma kienx parti mill-ftehimiet. Għalhekk, il-ferroviji u t-toroq ġew ippreżentati fil-kuntest ta' ftehimiet ta' livell għoli bħala "kkumpletati",

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament Delegat.

[1] ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President


José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-mappa taħt l-intestatura "Tabella għat-Tfittxija tal-Mapep għall-pajjiżi ġirien" hija sostitwita b'dan li ġej:

"



";

(2) Il-mapep li ġejjin 15.1 sa 17.2 huma miżjuda:


"

15.1. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

Netwerk tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja

15




Komprensiv	*Ewlieni*		*Komprensiv*	*Ewlieni*		*Komprensiv*	*Ewlieni*	
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Lesta			Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Lesta			Ajruporti
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Għandha tiġi mtejba			Għandha tinbidel f'linja ferrovjarja ta' veloċità għolja			Portijiet
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Ippjanata			Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Ippjanata			Terminal Ferrovjarju tat-Triq (RRT)

15.2. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

Netwerk tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja

15




Komprensiv	Ewlieni		Komprensiv	Ewlieni		Komprensiv	Ewlieni	
		Triq / Ikkompletata			Portijiet			Ajruporti
		Triq / Trid tittejjeb			Terminal Ferrovjarju-tat-Triq			
		Triq / Ippjanata						

16.1. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

Netwerk tat-Trasport tas-Shubija tal-Lvant: il-Bjelorussja, il-Moldova, l-Ukrajna;

16



Komprensiv	*Ewlieni*		*Komprensiv*	*Ewlieni*		*Komprensiv*	*Ewlieni*	
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Lesta			Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Lesta			Ajruporti
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Għandha tiġi mtejba			Għandha tinbidel f'linja ferrovjarja ta' veloċità għolja			Portijiet
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Ippjanata			Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Ippjanata			Terminal Ferrovjarju tat-Triq (RRT)

16.2. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

Netwerk tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: il-Bjelorussja, il-Moldova, l-Ukrajna;

16



Komprensiv	Ewlieni		Komprensiv	Ewlieni		Komprensiv	Ewlieni	
		Triq / Ikkompletata			Portijiet			Ajruporti
		Triq / Trid tittejjeb			Terminal Ferrovjarju-tat-Triq			
		Triq / Ippjanata						

17.1. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-toroq u ajruporti

Sħubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana dwar it-Trasport u l-Loġistika: il-Bjelorussja, il-Federazzjoni Russa

17



Komprensiv	Ewlieni		Komprensiv	Ewlieni		Komprensiv	Ewlieni	
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Lesta			Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Lesta			Ajruporti
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Ghandha tiġi mtejba			Ghandha tinbidel f'linja ferrovjarja ta' veloċità għolja			Portijiet
		Linja ferrovjarja konvenzjonali / Ippjanata			Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Ippjanata			Terminal Ferrovjarju tat-Triq (RRT)

17.2. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-toroq u ajruporti

Sħubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana dwar it-Trasport u l-Loġistika: il-Bjelorussja, il-Federazzjoni Russa

17



Komprensiv	*Ewlieni*		*Komprensiv*	*Ewlieni*		*Komprensiv*	*Ewlieni*	
		Triq / Ikkompletata			Portijiet			Ajruporti
		Triq / Trid tittejjeb			Terminal Ferrovjarju-tat-Triq			
		Triq / Ippjanata”						